

Brussell, 6 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9857/17

DAPIX 219
CRIMORG 114
ENFOPOL 282
ENFOCUSTOM 144
JAI 561

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 9120/17	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Greċja fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika = Adozzjoni

1. Qabel ma jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jadotta Konklużjonijiet li jirrikonoxxu li ntlaħqu l-kondizzjonijiet għat-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data.
2. Fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Mejju 2017, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) approva r-rapport dwar iż-żjara ta' valutazzjoni rigward l-iskambju ta' **data dattiloskopika** għall-**Greċja** (9118/17 DAPIX 182 CRIMORG 99 ENFOPOL 229 ENFOCUSTOM 117 JAI 416) kif ukoll ir-rapport ġenerali (9119/17 DAPIX 183 CRIMORG 100 ENFOPOL 230 ENFOCUSTOM 118 JAI 417) ibbażat fuq il-kwestjonarju, żjara ta' valutazzjoni u prova pilota.

3. Fil-laqgħa tad-DAPIX tad-29 ta' Mejju 2017, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li l-kondizzjonijiet intlaħqu biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet ta' skambju awtomatizzat ta' **data dattiloskopika**, il-**Greċja** implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni ta' data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
 4. Id-DAPIX qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsab fl-Anness għad-dokument 9120/17 DAPIX 184 CRIMORG 101 ENFOPOL 231 ENFOCUSTOM 119 JAI 418.
 5. *Il-Coreper huwa mistieden jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' hawn fuq lill-Kunsill u jissuġġerixxi li dan jadotta dan l-abbozz ta' Konklużjonijiet bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu.*
-